

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 32



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

14 ta' Frar 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni Nru 2/2021 tal-Kumitat Konġunt bejn L-UE U L-PLO tal-24 ta' Diċembru 2021 dwar l-estensjoni tal-emendi temporanji previsti mill-Punt A tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd [2022/190] 1**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 2/2021 TAL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-PLO

tal-24 ta' Diċembru 2021

dwar l-estensjoni tal-emendi temporanji previsti mill-Punt A tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdri aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd [2022/190]

IL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-PLO,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, iffirmit Brussell fl-24 ta' Frar 1997, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdri aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, iffirmit fit-13 ta' April 2011, u b'mod partikolari l-punt C, il-paragrafu 1.(a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 63(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim) jagħti lill-Kumitat Konġunt għall-kummerċ u kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana ("il-Kumitat Konġunt") is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim kif ukoll f'każijiet oħra meħtieġa sabieq jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'dak il-Ftehim.
- (2) Skont il-punt C, il-paragrafu 1(a) tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdri aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri), il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjoni dwar estensjoni tal-emendi temporanji previsti skont il-Punt A tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.

- (3) L-iskadenza għall -Kumitat Konġunt biex jieħu tali deċiżjoni ġiet iffissata biex tippermetti lill-operaturi jadattaw ruħhom għas-sitwazzjoni l-ġdida u ma taffettwax is-setgħat tal-Kumitat Konġunt bħala tali. Fl-2020, iż-żewġ Partijiet kienu digàndikaw l-intenzjoni tagħhom li jkomplu bl-emendi temporanji għal perijodu addizzjonali ta' 10 snin.
- (4) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emendi temporanji previsti skont il-Punt A tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, għandu japplika għal perijodu addizzjonali ta' 10 snin.

Artikolu 2

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

2. Din id-Deċiżjoni għandha titfassal fil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim, b'kull wieħed minn dawk it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
HALLERGARD

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)